# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tat-Tlieta 15 ta' Dicembru 2020

## Talba Numru 358/2019SFJ

***Clentec Limited (C48089)***

***vs.***

***Time 2 Travel Agency Limited (C78137)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-13 ta' Novembru 2019 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi qalet:

"*Is-soċjetà attriċi qiegħda titlob:*

- *Is-somma ta' erbat elef u seba' mija u sitta u ħamsin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€4,756.40) rappreżentanti bilanċ li għadu dovut mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi għal servizzi ta' tindif reżi lilha fuq ordnijiet tagħha stess;*
- *L-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tal-fatturi relattivi indikati fuq l-istatement anness (ara Dok. A) sad-data tal-ħlas effettiv;*
- *L-ispejjeż kollha relatati ma' din il-kawża inklużi l-ispejjeż tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qiegħed jiġi ppreżentat kontestwalment ma' dan l-avviż.*

*Nonostante li s-soċjetà konvenuta ġiet interpellata sabiex tħallas dan il-bilanċ hija baqgħet inadempjenti.*

*Is-soċjetà konvenuta hija minn issa inġunta in subizzjoni.*"

Ra l-fatturi u d-dokumenti kollha ppreżentati mal-Avviż tat-Talba kif ukoll dawk ippreżentati permezz tan-nota tat-12 ta' Diċembru 2019 (fol. 9 *et seq.*).

Ra li kif jidher mid-dokumentazzjoni li tinsab a fol. 24 *et seq.* tal-proċess, is-soċjetà konvenuta ġiet innotifikata permezz tal-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif ukoll f'gazzetta lokali.

Ra li s-soċjetà konvenuta ma ppreżentat ebda Risposta jew sottomissjoni oħra u ma dehret għal ebda seduta.

Ikkunsidra li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

Ra li l-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Ra l-affidavit ta' Simon Jesmond Turner (ippreżentat fit-8 ta' Ottubru 2020) li permezz tiegħu huwa kkonferma li huwa direttur u rappreżentant legali tas-soċjetà attriċi u kkonferma l-kontenut tal-Avviż tat-Talba kif ukoll qal li l-ammont relattiv kien għadu dovut.

Ra li għalhekk jirriżulta li t-talbiet tas-soċjetà attriċi huma ben spjegati u ppruvati.

Jidhirlu iżda li billi m'hemmx prova li ġie ppreżentat mandat ta' sekwestru kontra s-soċjetà konvenuta relattivament għal din l-azzjoni, it-Tribunal ma jistax jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-ispejjeż tal-istess mandat.It-Tribunal infatti josserva illi dan il-mandat gie indikat bhala anness mal-avviz izda l-uniku dokument li gie anness kienet il-fattura immarkata Dok A, u mhux kopja ta' dan il-mandat.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' erbat elef u seba' mija u sitta u ħamsin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€4,756.40) bl-imgħax li għandu jiddekorri b'rata mhux ogħla minn tmienja fil-mija (8%) ikkalkulata mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jiċħad il-parti tal-Avviż tat-Talba fejn intalbu l-ispejjeż tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju stante nuqqas ta' prova dwar dan.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjetà konvenuta.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**